**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Novembru, 2022

*Kumpilazzjoni Nru. 598/2022*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Sarah K. Zerafa)**
**-vs-**
**Kieron Farrugia detentur tal-karta ta' l-identità bi numru 328803L**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat **Kieron Farrugia** u ċioe talli:

> Nhar it-3 t' April 2022, għall-ħabta ta' sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar (14:30hrs) u/jew fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, ġewwa Triq Antonio Nani, Għar Barka, Rabat, u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Xjentement għamel użu minn atti, kitba jew skrittura falza;

3. Saq vettura ta' għamla Toyota Corsa reġistrata bi numru GAT805 mingħajr liċenzja tas-sewqan;

4. Saq il-vettura ta' għamla Toyota Corsa rreġistrata bi numru GAT805 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

5. Saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni GAT805 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

6. Talli b'xi kitba jew tpinġija jew b'mod ieħor, biddel, ħassar, sfigura jew żied xi ħaġa fil-liċenzja tal-vettura ta' għamla Toyota Corsa rreġistrata bi numru GAT805, jew qiegħed fl-istess vettura, liċenzja li kienet mibdula, imħassra, sfigurata jew li kienet miżjuda xi ħaġa fiha;

7. Għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u cioe' kellu numru ta' reġistrazzjoni BCG673 fuq il-vettura ta' għamla Toyota Corsa rreġistrata bi numru GAT805;

U kif ukoll talli bejn id-9 ta' Diċembru 2021 u l-10 ta' Diċembru 2021, ġewwa Triq Guzeppi Agius, Paola,

8. Ikkommetta serq ta' pjanċa bi numri ta' reġistrazzjoni BCG673 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u x-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Clayton Agius u/jew persuni oħra.

Il-Qorti ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill- akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan

Rat li waqt l-udjenza tallum, miżmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet li nġabu kontra tiegħu għajr għal dik numru 4.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif

reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għal imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu (għajr għal dik numru 4), din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu kif fuq deskritt, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Dwar ir-raba imputazzjoni li ma kienx hemm ammissjoni dwarha, il-Qorti tilqa l-eċċezzjoni tad-difiża li din l-imputazzjoni hi preskritta tenut kont li proċeduri ittieħdu f 'Ottubru, 2022 meta r-reat in kwistjoni seħħ f'April, sitt xhur qabel u dan skond dak li jipprovdi l-artikolu 3(3) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab imputat bih l-imputat, tal-fedina penali netta tiegħu, tal-fatt li dan kien att ta' bluha li ġġib magħha iż-żgħożija fejn għall-grazzja t'Alla ħadd ma sofra danni. Ġie muri kif l-imputat ammetta l-għemil tiegħu mal-pulizija w ikkowopera bi sħiħ fl-investigazzjoni.

L-għemil kollu ta' dan iż-żagħżugħ kien intiż u xprunat mill-kilba tiegħu li jsuq vettura. Madanakollu tali għemil setgħa jissarraf f'konsegwenzi anke traġiċi kemm il-darba seħħ xi inċident.
Li tinżel fi triq b'arma bħal ma hi vettura mingħajr liċenzja, jew meta ma jisthoqlokx li tingħata liċenzja w minkejja kollox xorta tinżel fit-triq, mhux talli hu att irresponsabbli li joħloq perikli ovvji iżda att fejn tiġi taqa' w tqum mill-

inkoluminita tal-komunità li tkun qed tiġi intortament esposta għall-perikli li **arma tassew noċiva,** bħala ma tista' tissarraf fiha vettura misjuqa b'mod traskurat u/jew minn mhux intitolat jidħol wara l-*steering wheel,* toħloq.

Għalhekk il-Qorti ser tara li l-imputat jitgħallem mill-għemil tiegħu billi għat-tletin xahar li jmiss għandu jaġixxi b'kawtela kbira sabiex ma jisforzax idejn il-Qorti li jkollha tittratta miegħu kemm il-darba jikkometti reat ieħor, hu ta' liema xorta jkun!

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tiddikjara r-raba imputazzjoni bħala preskritta w tillibera lill-imputat minnha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 183, 184, 261(f)(g), 270, 271(g) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolamenti 13(2), 44(3)(5) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02), fuq ammissjoni, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu, iżda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tletin (30) xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment ai termini tal-artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur millum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**